# Akkademja Mużika-letterarja fil-Kolleġjata Bażilika Elenjana

Din is-sena qed nikkomemoraw it-375 sena mit-twaqqif tal-Kolleġġjata tagħna f'Birkirkara dedikata lill-Padruna tagħna Santa Liena. Il-Kapitolu Elenjan flimkien mas-Soċjetà Dun Filippu Borgia bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat tal-Każin Santa Liena – Banda Duke of Connaught's Own organiżżaw Akkademja Vokali u Strumentali fil-Kolleġjata Bażilika ta' Santa Liena f'Birkirkara, bil-parteċipazzjoni tal-Banda Duke of Connaught's Own nhar il-Ġimgħa 29 t'April 2005.

Din l-akkademja kienet taħt il-Patroċinju tar-Rev Kan. Ġużepp Micallef Kappillan tas-Soċjetà li din is-sena jagħlaq 50 sena saċerdot. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Andrew Coleiro u x-xogħolijiet li ndaqqu kienu 'Pie Jesù ta' Faure', 'Crucificius' ta' Faure' fejn ideriega l-assistent Surmast Brian Calleja bis-Solista Marvin Tonna fuq il-Kurunetta. 'Panis Angelicus' ġiet kantata mis-Sopran Rosabelle Bianchi li bil-vuċi ħelwa tagħha saħħret il-Bażilka maestuża. Messe Breve in Do' ta' Gounod kienet waħda mill-bċejjeċ prinċipali li fuq arrangament tas-Surmast Direttur Andrew Coleiro li ħadu sehem erba' vuċijiet it-Tenur Joseph Aquilina, il-Baritonu Joe Huber, is-Sopran Marita Bezzina u l-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo li f'armonija perfetta mal-Banda Duke of Connaught's Own li kienet ferm ippreparata nisġu flimkien quddiesa mpekkabli.

Is-Silta 'Ave Verum Corpus' ta' Mozart kienet ukoll kantata mill-istess vuċijiet fejn ukoll il-ħlewwa ta' din is-Silta għaxqu lil dawk li kienu preżenti. Innu di Gloria a Sant'Elena ta' Ricci kien l-għeluq ta' din l-akkademja fejn dan l-innu ma jista' jintesa qatt għax huwa ferm popolari tant li dawk preżenti applawdew ħafna lill banda u lit-tenur Elia Cassar u l-Baritonu Joe Huber bis -sehem tal-Kor Ommna Marija Sultana tal-Paċi u mal-Banda wkoll spikkaw is-solisti fuq il-klarinett Brian Calleja u fuq is-Sax Sopran Mark Portelli. Ma nistgħux ma nsemmux l-eloġju li għamel is-Sur George Peresso fuq il-mibki President Dr. Joe Fenech flimkien ma' Preghiera li daqqet il-banda dejjem taħt is-Surmast bravu Andrew Coleiro fejn waqt din is-serata dejjem kellu l-kontroll assolut tal-banda fejn fil-maġġoranza kbira tagħha kienet komposta mill-bandisti tal-post. Sar ukoll diskors mis-Sur Philip Borg fejn spjega fit-tul xi tfisser il-kolleġjata Elenjana. Wara saret preżentazzjoni lill-Eden Foundation ta' Lm300 miġbura waqt il-Programm Annwali b'riżq il-Fond ta' Ryan Cilia. Preżentazzjoniet oħra saru lill-Kanonku Ġużepp Micallef u lis-Soċjetà Dun Filippu Borgia. Din l-akkademja kienet suċċess kbir tant li l-kummenti kienu ferm pożittivi.


AAK

**GRECH BROS LTD.**

**Psaila Str., B'Kara BKR 12, Malta.**
**Tel: (+356) 2148 3216 / 2144 5947 Fax: (+356) 2148 5547**
**Email: cristalbath@waldonet.net.mt**

BLACK&DECKER DEWALT






**Same Building of E. Grech Crystal Bath**